IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.4.2022
COM(2022) 250 final

2022/0119 (BUD)

Proposta għal

ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 2
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI 2022

ID-DĦUL TAS-SURPLUS TAS-SENA FINANZJARJA 2021

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea[1], daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021,

– Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (…)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

– il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, kif adottat fl-24 ta' Novembru 2021[3],

– il-baġit emendatorju Nru 1/2022[4], adottat fil-5 ta' April 2022,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 2 tal-baġit tal-2022 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

BIDLIET FIR-RAPPORT TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

Il-bidliet fid-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul u fit-Taqsima Individwali III huma disponibbli fil-EUR-Lex(https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-en.htm).

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2014/335/UE, Euratom, ĠU L 424, 15.12.2020.

2 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, ĠU L 193, 30.7.2018.

3 ĠU L 45, 24.2.2022.

4 ĠU L xx, 05.4.2022.

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 2/2022 huwa maħsub li jdaħħal is-surplus li rriżulta mill-implimentazzjoni tal-baġit tas-sena 2021 fil-baġit tal-2022. Kif previst fl-Artikolu 18(3) tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[5] ("Ir-Regolament Finanzjarju"), is-surplus huwa l-uniku suġġett ta' dan l-ABE u jrid jiġi ppreżentat fi żmien 15-il jum mill-preżentazzjoni tal-kontijiet provviżorji fl-aħħar ta' Marzu 2022.

1. L-implimentazzjoni tas-sena baġitarja 2021 turi surplus ta' EUR 3,2 biljun, li għalhekk jiddaħħal bħala dħul fil-baġit tal-2022.

(f'EUR)

Tqassim tal-eżitu tal-2021	
Surplus tad-Dħul	**2 574 755 747**
Surplus tan-Nefqa	**652 303 060**
Surplus totali	**3 227 058 807**

2. L-ibbaġitjar tas-surplus se jnaqqas il-kontribuzzjoni totali tal-Istati Membri għall-iffinanzjar tal-baġit tal-2022 kif dovut. Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri se jkunu influwenzati wkoll mit-tbassir rivedut tar-riżorsi proprji li se jkun disponibbli wara l-laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji aktar tard f' Mejju 2022 u se jiġu inklużi f'ABE sussegwenti skont l-Artikolu 44(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju.

3. It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta t-tqassim tal-eżitu tal-2021 f'termini tal-implimentazzjoni tad-dħul:

(f'EUR)

Tqassim tal-eżitu tal-2021	**Baġit 2021 (inkl. AB1-6)**	**Eżitu**	**Varjazzjoni**
Subtotal tad-Dħul	**168 010 982 854**	**170 585 738 601**	**2 574 755 747**
— Titolu 1 - Riżorsi proprji	156 993 359 980	158 632 143 890	1 638 783 910
Imposti u dazji oħra fis-settur taz-zokkor	*0*	*883 297*	*883 297*
Dazji doganali	*17 348 140 020*	*19 036 802 611*	*1 688 662 591*
Riżorsi proprji ġejjin mill-VAT	*17 940 791 850*	*17 933 927 671*	*-6 864 179*
Riżorsi proprji bbażati fuq l-ING	*115 857 763 230*	*115 819 165 638*	*-38 597 592*
Korrezzjoni tal-iżbilanċi tal-baġit mogħtija lir-Renju Unit	*0*	*0*	*0*
Tnaqqis gross fil-kontribuzzjoni annwali bbażata fuq l-ING konċess lil xi SM	*0*	*10 862 017*	*10 862 017*
Riżorsi proprji bbażati fuq l-iskart tal-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat	*5 846 664 880*	*5 830 502 655*	*-16 162 225*
— Titolu 2 - Surpluses, bilanċi u aġġustamenti	1 768 617 610	1 772 041 495	3 423 885
— Titolu 3: Dħul Amministrattiv	1 725 783 332	1 582 329 661	-143 453 671
— Titolu 4: Dħul Finanzjarju, imgħax ta' inadempjenza u multi	515 233 376	1 626 004 706	1 110 771 330
— Titolu 5: Garanziji baġitarji, operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self	0	0	0
— Titolu 6: Dħul, kontribuzzjonijiet u refużjonijiet relatati ma' politiki tal-Unjoni	7 007 988 556	6 973 218 850	-34 769 706

4. Il-varjazzjonijiet netti kkombinati fit-Titolu 1 (*Riżorsi Proprji*) u fit-Titolu 2 (*Surpluses, bilanċi u aġġustamenti*) jammontaw għal EUR 1 642 miljun. Din id-differenza pożittiva hija xprunata b'mod predominanti minn ammont ogħla milli mistenni ta' dazji doganali disponibbli għall-baġit tal-UE fl-aħħar xhur tas-sena.

5. Il-varjazzjonijiet fit-Titolu 4 (*Dħul finanzjarju, imgħax ta' inadempjenza u multi*) jammontaw għal EUR 1 111 miljun, li jinkludu multi tal-kompetizzjoni u mgħax ta' inadempjenza, pagamenti ta' penali oħra u mgħax marbut ma' multi u pagamenti ta' penali. Din id-differenza

5 ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

pożittiva hija xprunata b'mod predominanti minn ammont ogħla milli previst ta' multi tal-kompetizzjoni (b'EUR 957 miljun) li finalment jissarrfu fl-aħħar xhur tas-sena.

6. It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta t-tqassim tal-eżitu tal-2021 f'termini tal-implimentazzjoni baġitarja tan-nefqa għall-istituzzjonijiet kollha:

(f'EUR)

Tqassim tal-eżitu tal-2021	Baġit 2021 (inkl. AB1-6)	Eżitu	Varjazzjoni
Subtotal tan-Nefqa	**168 010 982 854**	**167 358 679 794**	**-652 303 060**
Approprjazzjonijiet tal-eżitu awtorizzati fil-baġit	**168 010 982 854**	**167 812 011 433**	**-198 971 421**
— Il-Kummissjoni Ewropea	163 703 947 487	163 622 385 683	-81 561 804
Intestatura 1 - Suq Uniku, Innovazzjoni u l-Qasam Diġitali	*16 670 488 767*	*16 645 756 020*	*-24 732 747*
Intestatura 2a – Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	*63 855 086 295*	*63 852 305 111*	*-2 781 184*
Intestatura 2b — Reżiljenza u Valuri	*3 758 497 873*	*3 751 692 278*	*-6 805 595*
Intestatura 3 – Riżorsi Naturali u Ambjent	*56 021 071 987*	*56 004 511 158*	*-16 560 829*
Intestatura 4 - Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri	*2 519 397 533*	*2 517 772 210*	*-1 625 322*
Intestatura 5 – Sigurtà u Difiża	*714 020 119*	*708 160 481*	*-5 859 638*
Intestatura 6 - Il-Viċinat u d-Dinja	*11 454 658 856*	*11 451 911 273*	*-2 747 583*
Intestatura 7 - Amministrazzjoni Pubblika Ewropea	*6 137 143 724*	*6 116 694 818*	*-20 448 906*
Strumenti speċjali tematiċi	*2 573 582 334*	*2 573 582 334*	*0*
— Istituzzjonijiet oħra	4 307 035 367	4 189 625 749	-117 409 618
Il-Parlament Ewropew	*2 063 521 135*	*2 051 903 263*	*-11 617 872*
Il-Kunsill u l-Kunsill Ewropew	*594 386 954*	*522 990 866*	*-71 396 088*
Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	*444 049 000*	*438 236 491*	*-5 812 509*
Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri	*153 721 727*	*148 565 360*	*-5 156 367*
Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	*145 024 938*	*131 688 018*	*-13 336 920*
Il-Kumitat tar-Reġjuni	*106 740 880*	*105 596 831*	*-1 144 049*
L-Ombudsman Ewropew	*12 501 836*	*11 107 040*	*-1 394 796*
Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data	*19 463 193*	*16 761 285*	*-2 701 908*
Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	*767 625 704*	*762 776 595*	*-4 849 109*
Kanċellament ta' approprjazzjonijiet ittrasferiti 'l quddiem mis-snin preċedenti	**0**	**-327 465 673**	**-327 465 673**
— Il-Kummissjoni Ewropea	0	-249 983 942	-249 983 942
Kanċellament ta' approprjazzjonijiet mhux użati ittrasferiti 'l quddiem mis-snin preċedenti (b'mod awtomatiku)		*-52 538 699*	*-52 538 699*
Kanċellament ta' approprjazzjonijiet mhux użati ittrasferiti 'l quddiem mis-snin preċedenti (permezz ta' deċiżjoni)		*-197 445 243*	*-197 445 243*
— Istituzzjonijiet oħra	0	-77 481 731	-77 481 731
Il-Parlament Ewropew		*-38 279 705*	*-38 279 705*
Il-Kunsill u l-Kunsill Ewropew		*-10 065 860*	*-10 065 860*
Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea		*-3 331 060*	*-3 331 060*
Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri		*-711 148*	*-711 148*
Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew		*-2 682 342*	*-2 682 342*
Il-Kumitat tar-Reġjuni		*-1 204 696*	*-1 204 696*
L-Ombudsman Ewropew		*-31 534*	*-31 534*
Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data		*-124 247*	*-124 247*
Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna		*-21 051 141*	*-21 051 141*
Varjazzjonijiet tar-rata tal-kambju fuq in-nefqa	**0**	**-125 865 965**	**-125 865 965**

7. L-ammont mhux implimentat mill-istituzzjonijiet kollha flimkien kien ta' EUR 652 miljun. Il-Kummissjoni implimentat 99,95 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament awtorizzati. Is-sottoimplimentazzjoni tal-Kummissjoni kienet tikkonċerna ammont ta' EUR 81 miljun ta' approprjazzjonijiet ivvotati u ta' EUR 250 miljun ta' approprjazzjonijiet riportati mill-2020. Minn dan l-ammont, EUR 183 miljun kienu relatati mal-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza, li għalih ix-xiri tad-dożi tal-vaċċin għal pajjiżi bi dħul baxx se jitlesta fl-2022.

8. Is-sottoimplimentazzjoni tal-istituzzjonijiet l-oħra ta’ EUR 117 miljun u l-kanċellazzjoni ta’ approprjazzjonijiet ta’ EUR 77 miljun hija simili għal-livelli tas-snin preċedenti.